**18 ta' Mejju, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

John Abela *et noe*

*versus*

John Cassar

## Sentenza – Motivazzjoni – Nullità

*L-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata kull ma qalet huwa li hija taqbel u taddotta r-relazzjoni peritali u a bażi ta' dan biss għaddiet biex tiddeċidi l-meritu.*

*L-art. 218 tal-Kap. 12 jiddisponi li fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll il-parti tat-talba u tat-tweġiba li l-Qorti jidhrilha li hija biżżejjed biex is-sentenza tkun tinftiehem.*

*Din il-Qorti dejjem ippruvat issalva sentenza purche' din ikollha dik l-awtonomija neċessarja biex wieħed jifhem eżattament x'ġie milqugħ u x'ġie miċħud u għaliex.*

*Sentenza li sempliċiment tiddeċidi l-vertenza mingħajr ma tispjega fuq liema bażi ntlaħqet hija affront għal kull sens ta' ġustizzja;*

Il-Qorti:-

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ottubru, 1991, li minnha hemm l-appell preżenti hija hekk:-

*Omissis;*

Rat ir-Relazzjoni Peritali tal-periti ġudizzjarji maħlufa minnhom fil-11 ta' April, 1989;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:-

Illi l-periti ġudizzjarji ikkonkludew illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma infondati u għandhom jiġu miċħuda filwaqt li t-talbiet attriċi jidhru fondati kemm fil-fatt u fid-dritt u, għalhekk, issottomettew li din il-Qorti għandha tiddeċidi adeżivament għal dawn it-talbiet;

*Ikkunsidrat:*

Illi minn eżami akkurat tal-Relazzjoni peritali l-Qorti waslet għall-konklużjoni li għandha taddotta l-konklużjonijiet peritali u dan għall-konsiderazzjonijiet ta' l-istess periti ġudizzjarji li l-Qorti qiegħda tagħmel tagħha;

Għal dawn il-motivi:-

Tiddeċidi, prevja adozzjoni tar-Relazzjoni Peritali, billi tilqa' t-talbiet attriċi....

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tannulla s-sentenza appellata u sussidjarjament u mingħajr preġudizzju li tirrevoka l-istess sentenza billi tiċħad it-talbiet attriċi u minflok il-konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-atturi ekwiparazzjoni għall-valur tal-proporzjoni ta' art li jirriżulta lill-Qorti li ġiet użurpata mill-appellant – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati għall-appell tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-tratazzjoni;

Ikkonsidrat:

Din il-Qorti sejra tissoffema ruħha fuq l-ewwel aggravju ta' l-appellant li hu dirimenti jekk akkolt minħabba li jimporta nullità tas-sentenza appellata;

L-appellant jissottometti fl-ewwel lok illi s-sentenza appellata hija nulla minħabba li ma tissodisfax il-vot ta' l-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) billi l-ewwek Onorabbli Qorti naqset milli tagħti r-raġunijiet li fuqhom ibbażat d-deċiżjoni tagħha kif jitlob l-imsemmi artikolu. Dana minħabba li s-sentenza appellata ma tindikax x'inhi l-motivazzjoni għall-konklużjoni tagħha;

Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-qorti din il-kwistjoni ġiet ittrattata mid-difensuri tal-kontendenti li anki għamlu xi riferenza għal sentenzi ta' din il-Qorti;

Il-kwisjtoni kollha tinqala' għaliex l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata kull ma qalet huwa li hija taqbel u taddotta r-relazzjoni peritali u a bażi ta' dan biss għaddiet biex tiddeċidi l-meritu. L-appellant jissottometti li dan ma jammontax għal motivazzjoni kif hu rikjest mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12);

L-atturi appellati għamlu riferenza għas-sentenza ta' din

il-Qorti tal-1 ta' Ġunju, 1988 in re John Abela nomine vs John Cassar fejn kien ġie deċiż li sentenza bħal dik in eżami, fejn ċjoè il-motivazzjoni tkun tikkonsisti biss f'dikjarazzjoni li l-Qorti tagħmel li tkun taqbel mal-konklużjonijiet peritali, hija suffiċjenti għall-fini ta' l-artkolu 218 tal-Kap.12, għalkemm huwa desiderabbli li fis-sentenzi ikun hemm aktar minn hekk;

Din il-ġurisprudenza, però, ġiet sorpassata b'sentenzi oħra ta' din il-Qorti in re John Mallia vs Manager, Water Works Department deċiża fis-7 ta' Ottubru, 1991 u John M. Nicholas noe vs Gaetano Pace et deċiża fis-16 ta' Diċembru, 1991;

Fl-ewwel waħda minn dawn is-sentenzi din il-Qorti kienet qalet hekk:

"L-Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili jiddisponi li fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll il-parti tat-talba u tat-tewġiba li l-qorti jidhrilha li hija biżżejjed biex is-sentenza tkun tinftiehem;

Fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu din il-Qorti dejjem qagħdet attenta biex kemm jista' jkun issalva l-atti meta mill-korp tas-sentenza wieħed almenu jifhem x'inhu l-meritu tal-każ u x'inhi l-bażi tas-sentenza. Fi kliem ieħor din il-Qorti dejjem ippruvat issalva sentenza purchè din ikollha dik l-awtonomija neċessarja biex wieħed jifhem eżattament x'ġie milqugħ u x'ġie miċħud u għaliex;

Sfortunatament, fil-każ in diżamina, din il-Qorti tara li ma tistax issalva s-sentenza appellata għaliex mhux biss minnha ma jirriżultax almenu ħjiel tal-motivazzjoni iżda anke għax kif inhi

miktuba anqas tagħti indikazzjoni tat-talba ta' l-attur....''

F'dak il-każ apparti konsiderazzjonijiet oħra l-ewwel Onorabbli Qorti kienet sempliċiment bħal f'dan il-każ addottat il-konklużjonijiet tal-perit legali u ippreżentathom bħala l-motivazzjoni tas-sententenza;

Fil-każ l-ieħor il-fattispeċji kienu kemmxejn differenti iżda ukoll din il-Qorti ddikjarat illi fejn l-ewwel Onorabbli Qorti bħala motivazzjoni tad-deċiżjoni tagħha tgħid speċjalment illi taqbel ma' u taddotta l-konklużżjonijiet peritali dan essenzjalment ma jissodisfax il-vot ta' l-artikolu 218 tal-Kap.12;

Din il-Qorti tirribadixxi li meta l-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Oranizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jirrikjedi, inter alia, għall-validità ta' sentenza, li tingħata l-motivazzjoni, qiegħed japplika għal liġi posittiva prinċipju li hu sinonimu mal-kunċett ta' ġustizzja. Infatti m'hemmx bżonn jiġi spjegat li sentenza li sempliċement tiddeċidi l-vertenza mingħajr ma tispjega fuq liema bażi ntlaħqet hija affront għall kull sens ta' ġustizzja. Verament, il-każ preżenti u oħrajn bħalu, m'humiex f'din il-kategorija, għaliex almenu hemm dikjarazzjoni li l-bażi tas-sentenza tikkonsiti fil-konsiderazzjonijiet tal-perit legali jew tekniku.Però, din il-Qorti tara li dan ma jissodisfax il-minimu rikjest biex ikun soddisfatt il-vot tal-liġi billi l-liġi tirrikjedi li s-**sentenza** stess ikun fiha motivazzjoni u hu appena superfluwu jingħad li din il-motivazzjoni trid tkun manifesta ċjoè li wieħed jifhimha mill-korp stess tas-sentenza li wara kollox hija l-isturment li għandu forza ta' liġi bejn il-partijiet. Huwa minħabba f'hekk li din il-Qorti hija tal-fehma li sentenza bħal dik in eżami ma tissodisfax il-vot tal-liġi billi l-motivazzjoni fiha kkontenuta ma tistax tiġi kkonsidrata suffiċċjenti;

Fiċ-ċirkostanzi normali din il-Qorti kienet tara hux il-każ li tapplika l-artikolu 790 tal-Kap. 12 u tara s-sentenza fis-sustanza tagħha hix ġusta jew le, però f'dan il-każ, il-mod kif hija żviluppata s-sentenza appellata mhux tali li jippermetti lil din il-Qorti tagħmel dan l-eżerċizzju. Konsegwentement, sejra tgħaddi biex tannulla s-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi, għahekk, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tilqa' l-istess fis-sens mitlub u ċjoè billi tidikjara nulla u bla effett is-sentenza appellata peress li ma tissodisfax il-vot ta' l-artikolu 218 tal-Kap 12 u konsegwentament tibgħat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni tal-kawża skond il-liġi. L-ispejjeż, fuq il-bażi tal-prinċipju li "*error judicis error partis*" jiġu ssopportati mill-partijiet nofs kull wieħed.